# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM, 7 ta' Settembru, 2023**

**Rik. Nru. 1503/23JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1503/23 fl-ismijiet:

Stephen **ATTARD**

vs

Hadrian **BONELLO** bħala Direttur u Supretendent tas-Saħħa Ambjentali; *Environmental Health Directorate*; u *Permanent Secretary of Ministry of Health*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' Awwissu, 2023, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-intimati jew lil min minnhom milli "tappunta jew tlaqqa' Bord ta' Dixxiplina u milli tisma' jew tressaq 'il quddiem proċeduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti

Stephen Attard, stante li dawn ikunu bi ksur u bi vjolazzjoni tal-jedd ta' smigħ xieraq tal-imsemmi rikorrent";

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2023, li bih laqgħet provviżorjament it-talba, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tad-29 ta' Awwissu, 2023;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fil-21 ta' Awwissu, 2023, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissrin, laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma hija bl-ebda mod mistħoqqa għaliex, fl-ewwel lok, il-Bord ta' Dixxiplina twaqqaf qabel ma tressaq ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat; fit-tieni lok, għaliex issa li twaqqaf il-bord, huma ma fadlilhom l-ebda ħaġ'oħra x'jindaħlu fil-proċediment dixxiplinari, u għalhekk ir-rikors tressaq kontra tagħhom għalxejn; u fit-tielet lok, għaliex it-talba qiegħda ssir qabel waqtha ladarba r-rikorrent għandu rimedji proċedurali oħrajn u b'hekk jonqos l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub;

Rat id-dikjarazzjoni tal-intimati fl-imsemmija Tweġiba[1], għall-għanijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Settembru, 2023, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li jinżamm proċess ta' dixxiplina mniedi kontrih fl-20 ta' Lulju, 2023, dwar xiljiet ta' użu mhux xieraq tal-*laptop computer* tax-xogħol tiegħu u ħsarat lill-istess tagħmir u ta' xogħol privat *part time* mhux awtoriżżat mis-Segretarju Permanenti, u dan għaliex jgħid li l-Bord ta' Dixxiplina mhux magħmul minn nies indipendenti "li jistgħu ma jkunux aċċettabbli għall-ħaddiem affettwat". Jgħid li, jekk dan isir, se jġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq billi l-Bord hekk kostitwit ma jagħti l-ebda garanzija ta' imparzjalità u ma jassigurax rispett tal-prinċipji bażiċi tal-ġustizzja naturali;

---

[1] § 33 f'paġ. 39 tal-atti

Tqis li r-rikorrent huwa uffiċjal pubbliku fil-kariga ta' *Environmental Health Practitioner* imma jaħdem minn daru ("*remote worker*"), wara li, fuq talba tiegħu, Bord Mediku kien irrakkomanda li huwa jitħalla jaħdem b'mod remot[2];

Tqis li b'avviż ta' azzjoni dixxiplinari tas-17 ta' Lulju, 2023[3], l-intimat Direttur Bonello u s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bagħtu jgħarrfu elettronikament lir-rikorrent fl-20 ta' Lulju, 2023[4] bix-xiljiet imressqa kontrih u tawh żmien biex jagħti l-verżjoni tiegħu. Ir-rikorrent għaraf li l-avviż wasallu dakinhar stess[5];

Tqis li r-rikorrent wieġeb għax-xiljiet li sarulu f'Lulju permezz ta' ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu fit-2 ta' Awwissu, 2023[6];

Tqis li, billi t-tweġiba li bagħat ir-rikorrent ma tqisitx ġustifikata, fit-3 ta' Awwissu, 2023, kien mgħarraf li l-proċeduri dixxiplinari kienu se jitkomplew quddiem Bord ta' Dixxiplina maħtur skond ir-Regolamenti fis-seħħ. Fit-8 ta' Awwissu, 2023[7], is-Segretarju Permanenti intimat għarraf lir-rikorrent min kienu t-tliet persuni membri tal-Bord u x'kienu t-termini tal-ħatra tal-istess Bord;

Tqis li, safejn it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-mandat minnu mitlub tirrigwarda ż-żamma milli jitwaqqaf il-Bord, dik it-talba ma tistax tintlaqa' għaliex il-Bord laħaq twaqqaf qabel ma r-rikorrent nieda din il-proċedura. Kemm hu hekk, l-intimati ddikjaraw, għall-għanijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li ladarba l-Bord twaqqaf u kien kostitwit, ma kien għad fadlilhom xejn aktar x'jagħmlu. F'dan ir-rigward hu aċċettat li jekk kemm-il darba jintwera li l-ħaġa li r-rikorrent irid li jżomm li ma ssirx bil-ħruġ tal-Mandat tkun diġà saret, ma jibqax lok biex it-talba tal-ħruġ tal-istess Mandat tintlaqa', ladarba l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[8];

Tqis għalhekk li, safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat tirreferi għat-twaqqif tal-Bord, din ma tistax tintlaqa'. Ir-regolamenti, madankollu, jagħtu lir-rikorrent rimedju dwar dan ukoll jekk il-Mandat ma jintlaqax f'dan ir-rigward[9];

Tqis li, dwar il-bqija tat-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat, l-intimati qalu wkoll, għall-għanijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet

---

[2] Dokti f'paġġ. 23 – 4 tal-atti
[3] Dok "HB2", f'paġġ. 44 – 5 tal-atti
[4] Dok "HB3", f'paġġ. 46 – 8 tal-atti
[5] Dok "HB4", f'paġ. 99 tal-atti
[6] Dok "GWU2", f'paġġ. 15 sa 22 tal-atti
[7] Dok "HB5", f'paġ. 102 tal-atti
[8] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***
[9] Reg. 18(7) tal-A.L. 66/2017 (L.S. Kost. 03)

ta' Malta, li huma la se jisimgħu u lanqas se jmexxu 'l quddiem xi proċeduri dixxiplinari fuq is-saħħa tal-avviż mogħti lir-rikorrent, u dan għaliex, mat-twaqqif tal-Bord tad-Dixxiplina, is-sehem tagħhom f'dik il-proċedura għadda fl-istess Bord li jaġixxi b'mod awtonomu mid-Dipartiment;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ ta' dak il-mandat[10];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[11]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[12];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[13]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

---

[10] Art. 873(1) tal-Kap 12
[11] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[12] Art. 875(3) tal-Kap 12
[13] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Tqis li l-jedd mad-daqqa ta' għajn li r-rikorrent isejjes fuqu t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat huwa dak li l-proċeduri dixxiplinari quddiem il-Bord ta' Dixxiplina, kif maħtur, se jċaħħduh minn smigħ xieraq bi ksur tal-prinċipji ta' ħaqq naturali;

Tqis li r-raġunijiet li r-rikorrent iġib 'il quddiem bħala l-jedd mad-daqqa t'għajn li jrid iħares bil-ħruġ tal-Mandat minnu mitlub huma: (i) in-nuqqas ta' indipendenza tal-membri li jikkomponu l-Bord; u (ii) li, b'dak li wettaq diġà l-intimat Bonello, seħħew u hemm il-biżgħa li jseħħu rregolaritajiet proċedurali li, minħabba fihom, mhux se jingħata opportunità xierqa li jiddefendi ruħu sewwa;

Tqis li, minn dak li joħroġ mill-atti, it-twaqqif tal-Bord sar b'ħarsien ta' dak li jitolbu r-regolamenti[14] u li, minn dak li sar s'issa, ir-rikorrent ingħata kull opportunità li jressaq il-każ tiegħu u li jaħtar avukat tal-fiduċja tiegħu biex tidher għalih u tassistih waqt il-proċess;

Tqis li, fil-qofol, f'dan l-istadju l-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq li minnu jilmenta r-rikorrent ma huwiex aktar minn tħassib li ma jissarrafx f'raġuni mqar mad-daqqa t'għajn għall-ħruġ tal-Mandat. Kif sewwa ssottomettiet id-difensur tal-intimati waqt it-trattazzjoni, li kieku r-raġunijiet li r-rikorrent ġab 'il quddiem f'dan ir-rikors kellhom jintlaqgħu mill-Qorti biex toħroġ il-Mandat, qatt ma jkun jista' jitnieda proċediment dixxiplinari kontra uffiċjal pubbliku;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor;

Tqis ukoll li l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikultà għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[15]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li kemm hu hekk huwa stabbilit li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[16], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[17];

---

[14] Reg 17(3)(4) tal-A.L. 66/17 (L.S. Kost. 03)
[15] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[16] P.A. JZM **30.1.2017** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Airmode Limited vs Malta International Airport p.l.c. et.***
[17] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***

Tqis li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent ma weriex li jeżistu tabilħaqq l-elementi mitluba mil-liġi biex it-talba tiegħu tista' tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tal-11 ta' Awwissu, 2023, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju;

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, is-7 ta' Settembru, 2023.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**